MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 62

L-Erbgħa, 27 ta' Diċembru, 2023

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fis-sala tal-laqgħat fl-uffiċċji amminstrattivi tal-Kunsill Lokali fid-08:30.

**PREŻENTI:**

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Joseph Cauchi – Kunsillier
George Camilleri – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 62.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

62.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti, li kienu meqjusa moqrija.

62.1.2 Il-minuti kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 62.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

62.2.1 Is-Sindku informa li l-flus li kellhom jidħlu tal-ERA bħala rimbors tal-ispejjeż tad-Dwejra daħlu kważi kollha.

62.2.2 Is-Sindku qal li għall-ħadid tal-play centre tal-playing field għadu qed jistenna kwotazzjoni.

62.2.3 Is-Sindku qal li jixtieq jirraporta li tkellem mal-ħaddiema tal-id u qablu li jqassmu x-xogħol tal-knis li qabel kien jagħmel il-kuntrattur. Is-Sindku kompla jgħid li b'hekk se niffrankaw il-flus kollha tal-kuntratt. Il-Kunsill qabel unanimament.

62.2.4 Is-Sindku qal li rigward it-tiżjin tal-Milied kellna pjazza meravilja u fuq Love Malta tellgħu post li daħlu fuqha miljuni ta' views. Il-Kunsill qabel unanimament.

62.2.5 Is-Sindku qal li kellhu rikjesti tal-applikazzjonijiet ta' bankini u qed jipproponi sabiex għall-dawn l-applikazzjonijiet ġodda l-Kunsill joffri l-porfido sabiex l-bankini jibdew ikunu kollha uniformi. Il-Kunsill talab sabiex jinbeda l-proċess tal-offerta għal dan ix-xogħol minnufih.

62.2.6 Is-SE. Fakkret rigward il-performances bonuses għall-ħaddiema tal-iskemi. Sar qbil unanimu li tal-CWS li jingħata l-massimu, kif ukoll l-Animal Welfare Scheme, l-massimu tal-kuntratt u żewġ ħaddiema tac-CIES, Stephen Piscopo u Louis Portelli fejn jingħataw €500.00 kull wieħed.

## 62.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

62.3.1 Il-kunsillier Joseph Cauchi qal li xtaq jikri r-rota tal-eletriku. Il-Kunsill qabel unanimament u saħqu li hu jista jkun ta' eżempju għal oħrajn.

62.3.2 Il-kunsillier George Camilleri saqsa rigward l-ilma tal-ġibjun u jekk kienx hemmx ilmenti. Is-Sindku qal li s'issa mexjin sew bla ilmenti.

62.3.3 Il-kunsillier Carmela Grima saqsiet fuq l-anniversarju tat-30 sena mill-bidu tal-kunsill. Is-Sindku infurmha li kif kien deċiż fl-aħħar laqgħa, ser jingħata rikonoxximent lill-kulħadd li kien parti mill-Kunsill ta' San Lawrenz.

62.3.4 Il-viċi sindku Anthony Formosa saqsa jekk il-konkos li għamel l-Enemalta fi Triq il-Wileg hemmx pjan biex jittranġa. Is-Sindku qal li fakkar lill-Ing. Josef.

62.3.5 Il-kunsillier Carmela Grima saqsiet jekk nistgħux niżbru s-siġar taż-żebbuġ. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 62.4 Kors tal-Malti għall-Barranin;

62.4.1 Is-Sindku qal li qed jipproponi sabiex għall-darb oħra isir il-kors tal-Malti għall-barranin fejn iħallsu huma u l-Kunsill jipprovdi l-post u l-għalliem. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 62.5 Attivita' tal-14 il-Sqaq;

62.5.1 Is-Sindku ippropona li peress li dan il-proġett fih ħafna xogħol, jipproponi li toħroġ sejħa għall-project manager. Is-Sindku fakkar li għal artists director meta saret l-applikazzjoni kien maħsub u allura qed ningħataw il-flus anke għal dan il-għan. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 62.6 Adjudication Boards;

62.6.1 Is-SE qalet li rigward it-tender: ***'SUPPLIES – TENDER FOR THE REFURBISHMENT OF THE***
***SAN LAWRENZ LOCAL PARISH CENTRE'*** ġie evalwat it-tender rigward works u l-iktar offerta technically and financially complaint kienet tas-sur XT Malta LTD, € 41,081.72. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 62.7 Updates tal-Proġetti;

62.7.1 Is-Sindku qal li l-pagamenti sabiex titħallas il-van daħal fil-kont bankarju tagħna. Is-SE fakkret li l-Kunsill irid joħroġ il-parti tiegħu li tammonta għall-20% tal-ispiża tal-van, kif ukoll insurances etc. Is-Sindku fakkar li peress qed nixtru vettura tal-elettriku ser ningħataw anke is-sussidju tal-Gvern għal min jixtri vettura tal-elettriku u għalhekk din is-somma ser tgħin biex intaffu l-ispejjeż imsemmija. Huwa fakkar biex isiru l-applikazzjoni bżonnjużi ħalli dan is-sussidju jingħata. Is-Sindku qal li peress il-van li inxtrat ma intgħużawx il-fondi kollha, hu kellem lill-Mario Fava sabiex jistaqsi nistgħux nixtru karozza oħra tal-elettriku. Il-Kunsill qabel unanimament.

62.7.2 Is-Sindku qal li l-proġett tal-open space miexi ukoll u għandna neħilsu sa qabel l-aħħar ta' Jannar 2024 sabiex isir ir-report għal-rimbors mar-Reġjun t'Għawdex. Is-Sindku fakkar fil-proġett ta' tisbieħ li hemm inkluż ma dan il-proġett, jiġifieri l-installazzjoni tal-Artist Giordanella, li ser ikun imħallas minn skema oħra tal-artisti u li għalih l-Kunsill kien offra li jgħin

somma żgħira. Is-Sindku propona li peress li mal-proġett tagħna sar xi xogħol fuq il-pjattaforma ta' dan il-proġett ta' dan il-proġett l-għajnuna finanzjarja tkun propju din u aħna ma jkollnix għafejn noħorġu flus. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 62.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

62.8.1 Il-Kunsillier Gorg Camilleri qal li hu qatt m'hu se jaqbel mal-pagament tal-kuntrattur għal-ftuħ taċ-Ċentru tad-Dwejra, għax huma spejjeż żejda għall-Kunsill.

62.8.2 Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti u ġiet iffirmata l-iskeda ta' pagamenti.

## 62.9.1 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

62.9.1 Il-laqgħa intemmet fl-09:20 u sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar L-Erbgħa, 24 ta' Jannar 2024 fl-08:30.

Noel Formosa
Sindku

Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv